Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,255, 2 ta' Lulju, 2002

Taqsima B

A.L.179 ta' l-2002

ATT TA' L-2000 LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

(ATT NRU. XXVI TA' L-2000)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu l ta' l-Att ta' l-2000 li Jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att li jemenda", il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi stabbilixxa l-1 ta' Lulju, 2002 bħala d-data meta l-artikoli 72 sa 93 u l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 94 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, kif miżjuda bl-artikolu 15 ta' l-Att li jemenda, bdew iseħħu.